**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Novembru, 2017

Rikors Guramentat numru : 258/16 AL

**A B N**
**Vs**
**Dr Christopher Chircop u il-PL Quentin Tanti nominati bhala Kuraturi Deputati b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Novembru 2016 sabiex jirrapresentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

**ILLI** l-esponenti hija ċittadina Maltija li kienet mizzewga lil C D li illum jinsab mahrub minn Malta u li l-esponenti ma tafx fejn jinstab;

**ILLI** l-esponenti kellha zewgt itfal minn relazzjoni li kellha ma l-imsemmi C D, S D li twieldet fl-ghaxra (10) ta' Frar elfejn u sitta (2006) u T D li twieldet fit-tlettax ta' Lulju elfejn u tmienja (2008) Dok A u Dok B;

**ILLI** l-esponenti hija divorzjata mill-imsemmi C M u ilha hekk divorzjata mill-24 ta' Mejju 2010 (Certifikat taz-zwieg anness Dok C);

Illi ftit wara li gie pprununzjat id-divorzju l-imsemmi C D ghosfor u qata kull kuntatt li kellu ma l-esponenti kif ukoll ma uliedu, u wisq anqas jipprovdi xi tip ta' manteniment ghall-ghejxien taghhom;

**ILLI** l-esponenti tixtieq illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata esklussivament lilha.

**ILLI** l-esponenti ġiet awtoriżżata tipproċedi b' din l-istanza in forza ta' digriet datat 4 ta' Ottubru 2016 Dok D,

Talbet ghar-ragunijiet suesposti li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull provediment li joghgobha taghti:

**TORDNA** li l-kura u l-kustodja tal-minuri **S D** li twieldet fl-ghaxra (10) ta' Frar elfejn u sitta (2006) u **T D** li twieled fit-tletta ta' Lulju elfejn u tmienja (2008) tiġi fdata esklussivament lir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Christopher Chircop u il-PL Quentin Tanti, li permezz taghha eccepew : (fol 27)

1. Illi hija r-rikorrenti li ghandha l-piz tal-prova u cjoe illi trid tkun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina il-Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qeghda taghmel fil-konfront tal-assenti intimat huma fondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorreni li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal- kuraturi deputati Dr Christopher Chircop u l-PL Quentin Tanti;

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi l-kuratur ikkomunika mad-difensur tal-attriċi sabiex jingħata d-dettalji kif jista' jikkomunika mal-konvenut assenti[1];

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn ir-rikorrenti u żewġha C D, minnu legalment iddivorzjata[2], fejn qiegħda tintalab tafda l-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri S D u T D lir-rikorrenti. L-intimat huwa assenti minn Malta, u għalhekk qed jiġi debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri, mill-Kuraturi maħtura għal dan l-iskop.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva, partikolarment għall-iskop tal-ġurisdizzjoni tagħha, illi jirriżultalha li l-minuri S u T jgħixu u qegħdin hawn Malta flimkien ma' ommhom r-rikorrenti, huma ċittadini Maltin u jinstabu domiċiljati hawn Malta.

Il-fatti tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti[3]:

---

[1] Fol. 32

[2] Ara ċ-ċertifikat taż-żwieġ bejn il-partijiet, fol. 6, fejn hemm notament illi fl-24 ta' Mejju 2010, iż-żwieġ bejn il-partijiet ġie xolt permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti ta' Gaza.

[3] Dawna jirriżultaw mill-affidavit tal-attriċi fol. 36 tal-proċess u minn dokumenti oħra esebiti.

(a) Illi r-rikorrenti, ċittadina Maltija ta' nisel Palestinjan, iżżewġet lill-konvenut C D, Palestinjan, ġewwa l-Palestina fit-2 t'Awwissu 2004.[4]

(b) Miż-żwieġ, fl-10 ta' Frar 2006, fil-Palestina twieldet il-minuri S D[5] u sussegwentement fit-13 ta' Lulju 2008, f'Malta twieldet il-minuri T D[6];

(c) Illi fl-24 ta' Mejju 2010, iż-żwieġ bejn il-partijiet ġie xolt permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti ta' Gaza.

(d) Jum minnhom, wara d-divorzju, ir-rikorrenti marret il-Palestina biex tara l-familja. Il-konvenut C mar fir-residenza tagħha fejn sab lil ommha, u talabha t-tfal u l-passaporti tagħhom. Ommha, beżgħet u akkomodatu; ommha B N tixhed[7]: *"Ngħid li darba minnhom A ħarġet u ħalliet it-tfal miegħi u tfaċċa dan C u bil-herra talabni t-tfal u l-passaporti. Jiena bżajt u tajtu kull ma talabni."*

(e) Ir-rikorrenti immedjatement bdiet proċeduri fil-Palestina sabiex tieħu t-tfal lura; Il-Gaza Shariah Court, tat digriet fis-16 t'Ottubru 2011[8] fejn ordnat illi r-rikorrenti, omm il-minuri kellha l-kura u l-kustodja tagħhom; it-tfal ġew ritornati lilha bl-assistenza tal-marixxalli tal-Qorti;

(f) Bl-għajnuna tal-Ambaxxata Maltija f'Tel Aviv, li pprovdiet lil-minuri b'passaporti t'emerġenza[9], u kkomunikat mal-awtoritajiet kompetenti, ir-rikorrenti ħarġet mill-Palestina u rritornat hawn Malta fit-12 ta' Ġunju 2012[10];

---

[4] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 6
[5] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab fol. 5
[6] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab fol. 4
[7] Affidavit fol. 55
[8] Fol. 43
[9] Fol. 46 et seq
[10] Fol. 48

(g) Ir-rikorrenti tispjega illi hija qatt ma reġgħet rat lill-konvenut. Semgħet minn xi ħbieb fil-Palestina li huwa reġa żżewweġ;

(h) Ikkonfermat li huwa m'għandu l-ebda kuntatt mat-tfal u qatt ma bagħatilhom xi forma ta' manteniment. Lanqas ma kkomunika magħha biex ikun jaf x'ġara mit-tfal.[11]

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[12] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[13], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

---

[11] Ikkonfermata mill-affidavit ta' ommha **Madiha Abu Nada**, fol. 55, u ta' **Mona El Daoud**, fol. 57. L-affidavit ta' ħuha Sami A.H. Abu Nada m'huwiex maħluf u għalhekk qiegħed jiġi skartat.

[12] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [14] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[15] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[16].

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Fil-każ in eżami, jirriżulta illi l-intimat ma wera ebda interess illi jżomm il-kuntatt m'uliedu wara li ħadhom bil-forza u ġie kostrett jirritornahom lir-rikorrenti. Fil-ħames snin li ilhom hawn Malta, qatt m'għamel kuntatt magħhom u qatt m'ivversalhom manteniment. Inoltre, l-Qorti tal-Palestina, wkoll kienet tal-fehma illi l-minuri għandhom jitrabbew minn ommhom ir-rikorrenti.

Illi in vista ta' dan suespost, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri S u T D esklussivament u unikament f'idejn l-attriċi.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti b'dana illi

---

[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[16] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri S D imwielda lir-rikorrenti fl-10 ta' Frar 2006 u tal-minuri T D imwielda lir-rikorrenti fit-13 ta' Lulju 2008 qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommhom ir-rikorrenti A B N, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat;

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat C D, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur